

DEĊIŻJONI (UE) 2015/1574 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tal-4 ta' Settembru 2015****li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2014/8 dwar il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju u r-remunerazzjoni ta' depożiti tal-gvern minn banek ċentrali nazzjonali (BĊE/2015/29)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni inċiż tal-Artikolu 132(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari t-tieni inċiż tal-Artikolu 34.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni BĊE/2014/8 tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾ tispjega r-rati tas-suq li għandhom joperaw bħala limiti massimi għar-remunerazzjoni ta' depożiti miżmuma minn gvernijiet u awtoritajiet pubbliċi mal-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) tagħhom. Dan jassisti lill-Kunsill Governattiv biex jimmonitorja l-konformità tal-BĊNi mal-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju kif stipulat fl-Artikolu 123 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (2) L-indiċi Eurepo ġie identifikat fl-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2014/8 bħala r-rata tas-suq iggarantita fir-rigward ta' depożiti għal terminu fiss feuro. Mit-2 ta' Jannar 2015 'il quddiem, l-indiċi Eurepo ma baqax jintuża. Ir-rata tas-suq iggarantita fir-rigward ta' depożiti għal terminu fiss feuro issa ser tkun l-iSTOXX EUR GC Pooling term indices b'maturità kumparabbli.
- (3) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni BĊE/2014/8 għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Emendi**

L-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni BĊE/2014/8 huwa miċċid b'dan li ġej:

“(d) ‘rata tas-suq iggarantita’ tfisser: (i) fir-rigward ta' depożiti għal terminu fiss feuro, l-iSTOXX EUR GC Pooling term indices b'maturità kumparabbli; u (ii) fir-rigward ta' depożiti għal terminu fiss fmunita differenti, rata kumparabbli.”

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-4 ta' Settembru 2015.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ Deċiżjoni BĊE/2014/8 dwar il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju u r-remunerazzjoni ta' depożiti tal-gvern minn banek ċentrali nazzjonali (2014/303/UE) (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 54).